30 ta' Novembru, 1953

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Maria Cossai pr. et ne. *versus* Emmanuele Cossai

**Alimenti — Transazzjoni — Sentenza.**

*Jekk f'kawża ta' alimenti li tagħmel il-mara kontra r-raġel, ir-rata alimentarja pagabili lill-mara mir-raġel tiġi stabbilita bi transazzjoni mingħajr ma jsiru provi dwar il-mezzi tar-raġel u l-bżonnijiet tal-mara, u tingħata sentenza in bażi għal dik it-transazzjoni, jibqa' dejjem li l-pensjoni alimentarja hija dovuta "officio judicis", u għalhekk anki dik il-pensjoni alimentarja hija suġġetta għar-reviżjoni minħabba kambjament fil-mezzi tar-raġel u fil-bżonn tal-mara.*

*Imma minħabba l-fatt li ma sarux provi biex ġiet fissata dik ir-rata alimentarja, mhix fattibili l-indaġini li soltu ssir f'kawża li tagħmel il-mara għall-awment tal-pensjoni alimentarja, ta' raffront bejn dak li rriżulta fil-kawża ta' qabel, kwantu għall-bżonn u l-mezzi, u dak li jirriżulta fil-kawża pendenti għar-reviżjoni tar-retta alimentarja.*

*Għalhekk, f'każ simili, il-ġudikant għandu jara jekk fil-kawża l-ġdida ġiex pruvat li kiber il-bżonn u/jew kibru l-mezzi ta' l-alimentand u ta' l-alimentant rispettivament, bla ebda possibilità ta' raffront mal-kawża preċedenti.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attriċi fil-kwalità tagħha fuq imsemmija, wara li ppremettiet illi b'sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Ġunju 1951, fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija, il-konvenut ġie kundannat iħallasha għaliha s-somma ta' £7. 10. 0 fix-xahar, u għal bintha minuri £2 fix-xahar; u illi l-mezzi tal-konvenut il-lum, u l-bżonnijiet

tagħha proprio et nomine, jippermettu awment ta' l-imsemmija pensjoni alimentarja, li l-lum hija inadegwata; talbet illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, il-konvenut ikun kundannat iħallasha proprio et nomine dik is-somma li tiġi stabbilita minn din il-Qorti bħala alimenti addizzjonali. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li ġie inġunt jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Ġunju 1953, li biha ċaħdet it-talba ta' l-attriċi, u ordnat li l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa; billi kkunsidrat;

Illi b'sentenza ta' dik il-Qorti fil-kawża fuq imsemmija tat-23 ta' Ġunju 1951, il-konvenut ġie kundannat...........;

Illi mill-provi miġjuba jirriżulta illi l-attriċi fi żmien il-kawża ġà msemmija, sa meta ġiet deċiża, kienet ġà marida u tinsab kważi fl-istess stat fiżiku bħal ma tinsab fih attwalment........... u illi l-pożizzjoni finanzjarja attwali tal-konvenut hi agħar minn dik li kien fiha fiż-żmien ta' dik il-kawża;

Illi għalhekk it-talba attriċi ma tidherx ġustifikata;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi proprio et nomine, u l-petizzjoni tagħha, li biha talbet ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija, u li jiġi deċiż skond it-talba; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Trattat l-appell, ikkunsidrat;

L-attriċi tippretendi li l-bżonnijiet tagħha proprio et nomine żdiedu, u li l-mezzi tal-konvenut immiljoraw, u għalhekk qiegħda titlob awment tal-pensjoni alimentarja li l-konvenut kien ġie kundannat iħallas lilha (għaliha u għal bintha minuri) bis-sentenza ta' qabel. Għandu jingħad, għall-kjarezza tal-każ, li fl-okkażjoni tal-kawża ta' qabel provi ma sarux, għaliex il-kawża nqatgħet fuq verbal ta' transazzjoni (ara fol. 7 tal-proċess l-ieħor), fejn jingħad li l-partijiet jaqblu li r-rata alimentarja għandha tkun ta' £9. 10. 0 fix-xahar, ċjoè £7. 10. 0 għall-attriċi u £2 għal bintha, u jitolbu sentenza f'dan is-sens;

"Prima facie" jista' jkun hemm dubju jekk azzjoni bħal ma hija dik preżenti tistax (apparti l-meritu tagħha fil-provi)

tiġi ntavolata meta r-rata ta' l-alimenti ukun ġiet stabbilita bi transazzjoni (Kollez. Vol. IX, p. 35, col. pr.); imma dan id-dubju hu superat bir-rifless illi, ġa ladarba ngħatat sentenza, sija pure in bażi għall-verbal tat-transazzjoni, għalhekk jibqa' dejjem li l-pensjoni alimentarja li tħallset sal-lum kienet dovuta "officio judicis";

Il-fatt, però, li sar dan il-verbal dwar ir-rata tal-manteniment, bla ma saru provi, jirrendi mhux fattibili l-indaġini li f'kawża bħal dik odjerna soltu ssir, ta' raffront bejn dak li rriżulta fil-kawża ta' qabel, kwantu għall-bżonn u l-mezzi, u dak li jirriżulta fil-kawża pendenti ta' reviżjoni tar-retta alimentarja; għalhekk f'dan il-każ wieħed għandu jara jekk ġiex pruvat f'din il-kawża li kiber il-bżonn u/jew li kibru l-mezzi ta' l-alimentand u ta' l-alimentant rispettivament, bla ebda possibilità tar-raffront mal-kawża preċedenti, li fiha, kif ingħad, ebda prova ma saret; apparti, s'intendi, il-konsiderazzjoni li wieħed għandu jippreżumi, verosimilment, li, meta l-kontendenti għamlu dak il-verbal, kull wieħed minnhom ħa debitament in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-bżonn u tal-mezzi "hinc inde";

Issa, din il-Qorti, wara li eżaminat il-provi, ġiet għall-konklużjoni li għaliha wasal l-ewwel ġudikant, illi ċjoè l-attriċi ma rnexxilhiex tipprova..........;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell. L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jibqgħu kif provvduti, u dawk ta' l-appell bla taxxa, dritt tar-Reġistru għak-kariku ta' l-attriċi proprio et nomine.

---